



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Baġits

2012/2150(INI)

19.9.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika:
Implimentazzjoni tal-prijoritajiet 2012
(2012/2150(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Catherine Trautmann

Kumitat assoċjat – Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_NonLeg

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Is-Semestru Ewropew primarjament hu għodda għall-koordinazzjoni tal-baġits nazzjonali u l-programmi ta' riforma tal-Istati Membri. Skont il-kundizzjonijiet attwali, fejn it-trażżin fiskali ġie impost fuq l-Istati Membri kollha sabiex ikun żgurat li l-leġiżlazzjoni six-pack tiġi infurzata, il-baġit tal-UE jista' u għandu jkollu rwol kontroċikliku. Kif stipulat fit-Trattati, il-baġit tal-UE ma jistax ikun f'defiċit, u huwa baġit ta' investiment li huwa utli għas-27 Stati Membri kollha (aktar minn 85% tal-allokkazzjonijiet tiegħu jergħu lura għand l-Istati Membri). Permezz tal-effett skattatur u ta' lieva tiegħu, b'mod partikolari fl-oqsma tat-tkabbir inklussiv u sostenibbli, bħall-politiki ta' koeżjoni u reġjonali, jista' jgħin biex irawwem it-tkabbir u jżid il-kompetittività u b'hekk isostni lill-Istati Membri fl-ilħiq tal-għanijiet ekonomiċi tagħhom kif miftiehem fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom (strateġija Ewropa 2020), kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi maqbula fi ħdan il-qafas tas-Semestru Ewropew.

L-implimentazzjoni tal-programm tal-politiki kollha li sar qbil dwarhom fil-QFP 2007-13 issa miexja għamla. Għal dawk minnhom li għadhom lura, bħall-fondi strutturali u ta' koeżjoni (li, għal raġunijiet varji, jeħtieġ li jiġu indirizzati u vvalutati bir-reqqa), il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill qablu li jifih beraħ il-potenzjal kollu tagħhom. Fil-fatt, wieħed mill-pilastru tal-'Patt għal Tkabbir u Impjiegi' approvat mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2012 huwa bbażat fuq riallokkazzjoni tal-mira tal-fondi strutturali u ta' koeżjoni li s'issa mhumiex impenjati bis-sħiħ (stmati li jlaħħqu EUR 55 biljun) biex jappoġġaw lill-SMEs, lir-riċerka u l-innovazzjoni, u lill-impjeg taż-żgħażaġh.

Dan jikkostitwixxi pass ieħor fid-direzzjoni t-tajba kif ukoll bidla ferm mistennija tal-punt fokali tal-politika ekonomika tal-UE. Jikkomplementa bis-sħiħ il-passi importanti approvati mill-Kunsill u mill-Parlament fl-2010-2011 biex itaffu temporanjament ir-regoli ta' kofinanzjament għal dawk l-Istati Membri l-aktar milquta mill-kriżi attwali. Għall-Istati Membri li qed jibbenefikaw mill-programmi ta' assistenza finanzjarja, ir-rati ta' kofinanzjament żdiedu temporanjament biex jiżguraw li l-investimenti neċessarji jsiru issa minkejja baġits nazzjonali li huma ristretti ħafna.

Madankollu, biex jirnexxu, dawn il-miżuri hemm bżonn li jiġu tradotti bis-sħiħ fil-baġit annwali tal-UE fi żmien xieraq. Matul in-negożjati dwar il-baġits tal-2011 u tal-2012, il-Kunsill impona – tassew kontra r-rieda tal-PE – livell baxx ħafna ta' approprjazzjonijiet għal pagamenti. Billi jirrifjuta sistematikament livell adegwat ta' pagamenti, abbażi tal-bżonnijiet reali u tanġibbli, il-Kunsill qed jipperikola l-irkupru ekonomiku, peress li l-benefiċjarji fl-Istati Membri nnefushom, bħall-awtoritajiet reġjonali, l-universitajiet jew l-SMEs, ma jistgħux jitħallsu fil-ħin u qed jaffaċċjaw problemi kbar ta' flussi tal-flus.

Fuq nota pożittiva, matul is-Semestru Ewropew 2012, ftehim importanti ħafna jista' jintlaħaq fuq fażi pilota (2012-2013) għall-bonds ta' proġetti biex jiġi stimulat l-finanzjament ta' proġetti infrastrutturali ewlenin li kapaċi jiġġeneraw tkabbir fl-Istati Membri fl-oqsma tat-trasport, tal-enerġija u tal-ICT. Il-Bank Ewropew tal-Investiment se jibda jimplimentah minn Lulju 2012 'il quddiem. Ir-rapporteur temmen li dan jikkostitwixxi biss l-ewwel pass lejn programm ta' investiment tal-UE bżonnjuż ħafna għas-snin li ġejjin.

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

1. Jiddispjaċih għan-nuqqas ta' dibattitu pubbliku wiesa', kredibbli u dirett dwar il-proċess tas-Semestru Ewropew; jemmen li dan in-nuqqas imur kontra l-prattiki nazzjonali, fejn l-orjentazzjonijiet tal-politika ekonomika qed isir dibattitu miftuħ u demokratiku fuqhom; iwissi, b'mod partikolari, kontra l-iffisar tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir bħala miżura burokratika li hi nieqsa mill-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, u jenfasizza l-bżonn ta' demokratizzazzjoni tas-Semestru Ewropew permezz ta' rwoli aktar b'saħħithom kemm għal-parlamenti nazzjonali kif ukoll għall-Parlament Ewropew fil-fażijiet kollha tas-Semestru Ewropew; ifakkar fil-proposta tal-PE li l-istituzzjonijiet tal-UE jaqblu dwar ftehim interistituzzjonali; ifakkar li l-Artikolu 13 tat-Trattat dwar l-'Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-UEM' jipprovdi għall-organizzazzjoni ta' konferenza parlamentari tal-kumitati rilevanti tal-PE u ta' rappreżentanti tal-parlamenti nazzjonali; jenfasizza li l-Kumitat għall-Baġits tal-PE huwa wieħed mill-kumitati rilevanti tal-PE msemmija hawn fuq;
2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tħejji l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2013 li jmiss abbażi ta' data ekonomika soda, ambizzjuża u imparzjali li tirrifletti s-sitwazzjoni makroekonomika reali tal-Istati Membri kif ukoll l-iżbilanċi makroekonomiċi ta' bejniethom;
3. Jistieden lill-Istati Membri, meta l-elezzjonijiet nazzjonali matul is-Semestru Ewropew ibiddlu l-maġġoranzi politiċi, biex jadattaw il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma fi żmien xieraq sabiex jenfasizzaw in-natura politika tar-riforma u jiżguraw l-impenn tal-gvern il-ġdid;
4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, fis-SAT tagħha li jmiss, tindirizza u tenfasizza bi sħiħ ir-rwol tal-baġit tal-UE fil-proċess tas-Semestru Ewropew billi ttiprovdi data fattwali u konkreta dwar l-effetti li jqanqlu bidla, katalitiċi, sinerġetiċi u kumplimentari fuq in-nefqa pubblika ġenerali fuq livell lokali, reġjonali u nazzjonali; jemmen, barra minn hekk, li l-iffinanzjar fuq il-livell tal-UE jista' jiġġenera tfaddil għall-baġits tal-Istati Membri u li dan għandu jiġi enfasizzat; jikkunsidra li f'termini ta' tqanqil ta' tkabbir u tisħiħ tal-ħolqien tal-impjiegi, kif ukoll fir-rigward ta' tnaqqis b'suċċess tal-iżbilanċi makroekonomiċi mal-Unjoni kollha, il-baġit tal-UE għandu rwol importanti ħafna;
5. Iħeġġeġ lill-Kunsill biex, matul in-negozjati dwar il-Baġit tal-UE tal-2013, jaċċetta dibattitu politiku u pubbliku dwar il-livell ta' approprazzjonijiet meħtieġa ħalli jiġi implimentat il-'Patt għal Tkabbir u Impjiegi' adottat fil-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2012; jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar il-pożizzjoni li l-Kunsill ħa ripetutament biex il-livell tal-approprijazzjonijiet għal pagamenti disponibbli fil-baġit tal-UE jitnaqqas b'mod artifiċjali, li jistgħu jqiegħdu f'riskju l-abbiltà tal-UE li tissodisfa l-impenji legali u politiċi tagħha; jappella lill-Kunsill, għal darba oħra, biex jilħaq qbil mal-PE u mal-Kummissjoni dwar metodu komuni għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet reali tal-pagament; jenfasizza l-urġenza tas-sitwazzjoni, speċjalment fl-intestaturi 1A u 1B (il-kompetittività għat-tkabbir

u għall-impjiegi / il-koeżjoni għat-tkabbir u għall-impjiegi), kif ukoll fil-fondi għall-
iżvilupp rurali;

6. Jistieden lill-Istati Membri biex jaħtfu l-possibbiltajiet maqbula fil-'Patt għal Tkabbir u Impjiegi' biex iqisu riallokazzjonijiet fi ħdan il-pakketti tal-fondi strutturali u ta' koeżjoni nazzjonali tagħhom (EUR 55 biljun) bħala apoġġ għar-riċerka u għall-innovazzjoni, għall-SMEs (inkluż l-iffaċilitar tal-aċċess tagħhom għall-fondi tal-UE) u għall-impjieg taż-żgħażaġh; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi, fis-SAT tagħha tal-2013 li se jiġi ppubblikat f'Novembru 2012, stampa sħiħa u kompluta ta' dak li nkiseb f'dak ir-rigward;
7. Jenfasizza, barra minn hekk, li l-'Patt għal Tkabbir u Impjiegi' jistieden espressament lill-Istati Membri biex jużaw parti mill-allokazzjoni tagħhom tal-fondi strutturali ħalli jaħdmu mal-BEI fuq faċilitajiet tar-riskju ta' kreditu u tal-garanzija għal self għall-għarfien u l-ħiliet, l-effiċjenza fir-riżorsi, l-infrastruttura strateġika u l-aċċess għall-finanzjament tal-SMEs; hu tal-fehma li l-awtoritajiet ta' Stat Membru għandhom ifittxu li jimmassimizzaw il-potenzjal ta' tkabbir offrut minn inizjattivi tal-UE oħra, li diġà sar qbil dwarhom, iffinanzjati mill-baġit tal-UE, bħall-fażi pilota għall-bonds ta' proġetti, l-istrumenti finanzjarji varji innovattivi eżistenti tal-UE fis-seħħ sa mill-2007 fil-qasam tal-innovazzjoni fir-riċerka, sostenn lill-SMEs jew skemi ta' mikrokreditu; jenfasizza, barra minn hekk, il-kapaċità miżjuda tas-self tal-BEI għall-perjodu 2012-2015; jemmen li, jekk ikkombinati u implimentati kif xieraq, dawn il-miżuri kollha jistgħu jiffurmaw il-pedamenti ta' programm ta' investment tal-UE għas-snin li ġejjin b'effett drammatikament pożittiv fuq il-PDG u fuq l-impjieg fl-UE-27, b'xi akkademiċi li jistmaw żieda ta' 0.56% fil-PDG u 1.2 miljun impjieg addizzjonali;
8. Jistieden lill-Istati Membri, għalhekk, biex la jqsu l-kontribuzzjoni nazzjonali tagħhom tal-ING lill-baġit tal-UE bħala varjant ta' aġġustament fl-isforzi tagħhom ta' konsolidazzjoni, u lanqas ifittxu li jnaqqsu b'mod artifiċjali l-volum tal-infiq tal-baġit tal-UE li jsaħħaħ it-tkabbir, kontral-impenji politiċi li għamlu fl-ogħla livell; madankollu, huwa konxju tat-tensjoni ekonomika bejn il-ħtieġa li jkun hemm konsolidazzjoni tal-finanzi pubbliċi fi żmien qasir, min-naħa waħda, u kwalunkwe żieda potenzjali għal xi Stati Membri fil-kontribuzzjoni tagħhom ibbażata fuq l-ING ikkawżata minn żieda fil-livell tal-pagamenti fil-baġit tal-UE; itenni, għalhekk, l-appelli qawwija tiegħu għar-riforma tal-finanzjament tal-baġit tal-UE – li trid tinqabel fil-qafas tan-negozjati tal-QFP 2014-2020 – billi jitnaqqas is-sehem tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri bbażati fuq l-ING lill-baġit tal-UE għal 40% sal-2020, biex b'hekk jikkontribwixxu għall-isforzi tagħhom ta' konsolidazzjoni;
9. Jitlob lill-Kummissjoni, barra minn hekk, biex tesplora l-possibbiltà li teskludi l-kontribuzzjoni għall-baġit tal-UE bbażata fuq l-ING mill-kalkolu tad-defiċit strutturali kif definit fit-two-pack;
10. Iwissi li, fil-kuntest tan-negozjati dwar il-QFP 2014-2020, it-tnaqqis tal-livell tal-baġit tal-UE, minħabba r-rwol tiegħu bħala katalista għall-investment, jista' jkollu effett kollaterali fuq il-ħolqien tat-tkabbir u tal-impjiegi fl-Unjoni.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	19.9.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 27 -: 2 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marta Andreasen, Richard Ashworth, Francesca Balzani, Zuzana Brzobohatá, Andrea Cozzolino, James Elles, Göran Färm, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Ivars Godmanis, Lucas Hartong, Jutta Haug, Monika Hohlmeier, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Ivailo Kalfin, Sergej Kozlik, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, George Lyon, Barbara Matera, Claudio Morganti, Juan Andrés Naranjo Escobar, Dominique Riquet, Alda Sousa, Derek Vaughan, Angelika Werthmann
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Alexander Alvaro, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Paul Rübig, Peter Šťastný